**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 4 ta' Frar, 2019

**Il- Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**-vs-**

**Mohammed Hasan Abdullahi maghruf bil-Police Number 13H-057**

***Kumpilazzjoni Nru. 552/2017***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mohammed Hasan Abdullahi, u ċioè talli:

> Nhar it-2 ta' Dicembru, 2017, ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' filghodu (03:15hrs), fi Triq Ross, San Giljan, minghajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Abdi Gure Yusuf f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez, ikkaġuna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, liema griehi huma ta' natura gravi.
>
> Il-Qorti giet mitluba tittratta lill-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikol1 214, 215, 217 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-
Illi fl-ewwel lok u fuq skorta tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**,[1] l-istqarrija tal-imputat li ttiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat, ghandha tigi skartata.

Illi l-**Ispettur Matthew Spagnol** xehed kif zewg persuni kienu nvoluti fi glieda u t-tnejn li huma soffrew griehi gravi. L-imputat kien anke gie operat. Il-vittma kien ammetta mal-ispettur li l-imputat kien aggredieh bi flixkun mkisser u malli ntebah bid-demm li kellu ma wiccu, hebb ghallp-imputat, hadlu l-flixkun minn idu w nfexx itieh bih.[2]

Illi **PS1540 Edmond Fenech** xehed kif wara rapport li sehhet glieda mar fuq il-post u sab zewg persuni fosthom l-imputat issofru bi griehi gravi. [3] Ikkonferma l-**Current Incident Report**[4] maghmul minnu fejn jinghad li l-imputat soffra feriti f'idejh, f'rasu u f'daru filwaqt li l-vittma li gie iddentifikat bhala Abdi Gure Yusuf, soffra ticcrita fuq halqu.

---

[1] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo u Onor. Imhallef Noel Cuschieri; Rikors numru: 104/2016/1 JZM; Deciza 14.12.2018
[2] Fol.29-33.
[3] Fol. 146
[4] Dok. EF a fol. 148-149

Illi **Dr. Simon Paul Micallef** kkonferma ic-certifikat mahrug minnu wara li ezamina lil Yusuf fejn sab li dan kien qed issifri minn feriti li gew klassifikati bhala gravi peress li kienu jammontaw ghall-sfreggju fil-wicc.[5]

Illi l-vittma **Abdi Gure Yusuf** ghazel li ma jixhidx fil-konfront tal-imputat.[6] Il-prosekuzzjoni ma nsistietx ghax-xhieda tieghu minkejja li l-akkuza hi wahda li titmexxa *ex officio* u meta l-procediment ma jiddependix fuq il-kwerela tal-parti offiza.

Illi ghalhekk ghajr ghal xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li tikkostitwixxi biss *hearsay* u ghaldaqsant hija inammissibbli ai termini tal-artikolu 598 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili, kif rez applikabbli bl-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali, dan il-process hu senjalat minn nuqqas t'evidenza li tista' b'xi mod tissostanzja l-akkuza dedotta kontra l-imputat.

Illi l-Professor A.J. Mamo jghallem kif gej:[7]

There are many reasons assigned for rejecting hearsay, the two principal being first, that the person originally stating the facts does not state them on oath, and secondly, that the person against whom the evdience is offered had not the oppotunity of cross-examining that other person as to his recollection, vercity or means of knowledge. .....

In Fitzgerald vs Fitzgerald (1863) it was stated that the foundation of the admissibility of any evidence is that it should be on oath, and that the party against whom it is tendered should have had a reasonable opportunity of cros-examination.

Ghal dawn il-mottivi, in vista tal-mankanza assoluta ta' provi, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu w konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[5] Fol.135-136; Vide certifikat **Dok. MS4** a fol.14
[6] Fol.38
[7] Notes on Criminal Procedure, Vth Year